# L-Imitazzjoni, in-Nazzjonaliżmu, u l-Ħolqien tat-Teatru Malti

Marco Galea

Sudipto Chaterjee jiddeskrivi xena li seħħet meta fir-reġjun tal-Bengal, l-Indja, beda jinbena l-ewwel teatru min-nies tal-post biex jaqdi l-ħtiġijiet tagħhom.[1] Is-sena hija l-1873. It-teatru kellu jkun jismu *Great National Theatre*, u kien immudellat fuq teatru ta' l-Ingliżi li kien hemm f'Calcutta, li min-naħa tiegħu kien jimita teatru magħruf f'Londra, li kien mibni b'imitazzjoni ta' l-arkitettura Griega. Għat-tqegħid ta' l-ewwel ġebla ta' dan it-teatru ta' l-injam kien hemm banda stil Ewropew. L-arkitettura tat-teatru, m'għandniex xi ngħidu, kienet ibbażata fuq l-idea tal-proxenju, kunċett Ewropew li jorganizza l-udjenza b'mod li kulħadd ikun qed iħares lejn l-atturi minn quddiemhom, waqt li l-organizzazzjoni tradizzjonali tat-teatru Bengali kienet bl-udjenza fuq tliet jew anki erba' naħat ta' l-atturi. Il-*Great National Theatre* inħaraq waqt l-ewwel rappreżentazzjoni, imma dik kienet koinċidenza u diżgrazzja, u ma tbiddel xejn mill-argument tagħna. Fil-fatt, fl-istess post inbena teatru ieħor li milli jidher għadu jeżisti sal-lum.

F'pajjiżna, bħalma għamlu fl-Indja, il-kolonizzaturi ħassew il-bżonn li mal-bagalji bil-ħwejjeġ, man-nuċċalijiet tax-xemx, mal-kotba u l-armi, iġibu wkoll it-teatri. Ir-riħa tal-porvli ta' l-Assedju l-Kbir kienet għadha kważi tinxtamm meta l-Kavallieri, forsi issa konxji iktar milli kienu qabel li balla ta'

---

[1] Sudipto Chatterjee. "The Nation Staged: Nationalist Discourse in Late Nineteenth-Century Bengali Theatre." *(Post)Colonial Stages: Critical & Creative Views on Drama, Theatre & Performance*, ed. Helen Gilbert (Hebden Bridge: Dangaroo, 1999) 10-25.

kanun tista' ttemmilhom ħajjithom ħesrem, bdew jaħsbu wkoll kif se jiddevertu, minbarra li jieħdu ħsieb il-pellegrini, jiddefendu l-gżira u kultant jikkonfoffaw. Fuqnett fl-aġenda kien hemm il-prostituzzjoni, imma dak suġġett ieħor. Prijorità oħra kienet l-attività teatrali. Il-Kavallieri bnew it-teatri tagħhom, ħallsu biex artisti barranin jagħtu rappreżentazzjonijiet f'pajjiżna, irreċtaw huma stess, ikkummissjonaw kitbiet u impjegaw in-nies biex jaħdmu fit-teatri.[2] Dan kollu seħħ għaliex l-element fundamentali ta' l-istorja kollha tal-kolonjaliżmu huwa t-tentattiv li għamlu l-qawwiet kollha li xi darba bnew kolonji sabiex jirriproduċu fil-post "il-ġdid" is-soċjetà li kienu ġejjin minnha, anki jekk dan kien jitlob li tinqered il-kultura tan-nies li kienu hemm qabel il-wasla tal-kolonizzaturi.[3] Ħafna drabi l-kolonizzaturi kienu jqisu s-soppressjoni tal-kultura indiġena u t-tqegħid minflokha tal-kultura Ewropea bħala missjoni li b'altruwiżmu kellhom iwettqu sabiex jiċċivilizzaw lill-popli barbari li nzertaw fit-triq ta' l-espansjonijiet kolonjali, il-piż li kellhom iġorru tal-privileġġ li Alla bagħathom bojod.[4] Li kultant mal-qerda tal-kultura indiġena kien ikollhom jinqerdu n-nies li kienu jħaddnuha, permezz ta' mard, emigrazzjoni forzata, skjavitù jew ġenoċidju, kien dettall li min kien medhi jikkolonizza aktarx ma kienx jagħtih wisq importanza.

Il-ħolqien ta' teatri Ewropej bi sforz tal-ħakkiema u għall-użu tal-ħakkiema nfushom għalhekk mhux sorprendenti. Hemm ħafna x'jingħad dwar kif it-teatru tqies bħala turija tas-superjorità razzjali u kulturali ta' min kien imexxi, mill-purċissjonijiet ċerimonjali tal-Granmastri mill-Palazz sat-Teatru Pubbliku,[5] sal-mod kif il-Maltin kien ikollhom iċedu posthom fit-teatru lill-kavallieri,[6] jew l-arroganza ta' l-aġenti lokali tal-Gvern Ingliż meta ġew biex

---

2 Għal studji li jirreferu għal dan il-perjodu ara Marco Galea, "It-Teatru bil-Malti: Mill-Bidu sat-Tieni Gwerra Dinjija," teżi ta' l-M.A., U ta' Malta, 1996; Paul Xuereb, *The Manoel Theatre: A Short History* (Malta: The Friends of the Manoel Theatre, 1994).

3 Ania Loomba, *Colonialism/Postcolonialism* (London: Routledge, 1998) 185.

4 Jurgen Osterhammel, *Colonialism: A Theoretical Overview* (Kingston: Ian Randle Publishers, 1997) 16.

5 Jo Tonna, "Theatre as City; City as Theatre," *The Manoel: Journal of the Teatru Manoel 1.1* (1996-1997): 53.

6 L.N.M. Man. *Miscellanea 321*. Id-dokument jittratta l-kawża li qassis Malti għamel fit-Tribunal Ekkleżjastiku lil kavallier żagħżugħ fl-1718, talli dan ta' l-aħħar, biex jeħodlu postu fit-teatru, kien xeħtu għal isfel, u b'hekk mhux biss ferielu l-orgolju tiegħu bħala membru pprivileġġjat tas-soċjetà Maltija, imma weġġgħu wkoll fil-ġisem. Madankollu, ix-xhieda li ngħatat fil-każ uriet li l-membri ta' l-Ordni biss kellhom dritt jattendu t-teatru. Il-Maltin kienu biss ittollerati jekk ikun hemm post.

jibnu t-Teatru Rjal.[7] Madankollu, l-aktar li jinteressana niddiskutu hawnhekk huwa dak li għamlu l-Maltin mit-teatru tagħhom, għalkemm iż-żewġ argumenti mhumiex mifrudin minn xulxin.

Bħalma ġara f'oqsma oħra tal-kultura tagħna bħan-narrattiva u l-poeżija, il-Maltin bdew jipproduċu għat-teatru b'mod konsistenti fis-seklu dsatax. Oliver Friggieri, f'dik li hi żgur l-aktar interpretazzjoni valida tal-letteratura li tana s-seklu għoxrin, jispjega dan il-fenomenu fid-dawl ta' influwenza li r-Romantiċiżmu ħalla fuq l-intellettwali Maltin li mbagħad servew ta' medjaturi bejn l-ideat il-ġodda u l-poplu inkolt billi ħolqu letteratura li kienet essenzjalment popolari.[8] Aktar tard[9] Friggieri jindika li l-istorja politika, fil-każ tagħna l-istorja tal-kolonjaliżmu, kienet determinanti għall-mod kif żviluppat il-letteratura Maltija għallinqas daqs l-istorja tal-movimenti kulturali Ewropej. Waqt li ħadd ma jista' jiċħad l-importanza tar-Romantiċiżmu, flimkien mal-wasla f'Malta ta' ħafna refuġjati mill-Italja, bħala katalista għall-iżvilupp tal-letteratura tagħna fis-seklu dsatax, biex nifhmu għaliex għandna l-letteratura li għandna u t-teatru li għandna rridu nagħmlu diskors ieħor.

Prattikament kull min kiteb dwar xi aspett li għandu x'jaqsam mal-kultura Maltija fl-aħħar mitejn sena għallinqas telaq mill-premessa li Malta tappartjeni għall-Ewropa. L-istorja ta' Malta dejjem inkitbet minn *punto di vista* Ewropew, l-ewwel għaliex inkitbet fl-interess tal-kolonizzaturi (Ewropej) u mbagħad għaliex inkitbet mill-*punto di vista* tal-gruppi pprivileġġjati fis-soċjetà li aċċettaw l-identità Ewropea ta' Malta bħala fatt naturali. Għalhekk nifhem li l-argument ewlieni ta' din il-kitba jmur kontra kull tendenza, speċjalment issa li għadna kemm issiġillajna b'mod permanenti dik li r-rettorika tal-politiċi tagħna sejħet "il-vokazzjoni Ewropea ta' Malta" jew "id-dħul fid-dar naturali ta' Malta" wara taqtigħa bejn il-partiti mhux dwar jekk aħniex Ewropej, imma għallinqas fuq livell kulturali, jekk aħniex ugwali għall-Ewropej u allura għandna ningħaqdu magħhom jew inkella aħniex aktar Ewropej mill-bqija u allura għandna nuru s-superjorità tagħna billi nibqgħu waħidna. Madankollu, kif se nipprova nuri, din l-appartenenza għall-Ewropa hija fatt storiku (u mill-ġdid għalina dan ifisser il-kolonjaliżmu) għallinqas daqskemm hu fatt ġeografiku.

Ġeografikament (imma mill-ġdid nistgħu nargumentaw li l-ġeografija nfisha hija narrazzjoni maħluqa mill-bniedem, u l-istess bħar-rumanzi hija

[7] Marco Galea, "A Study of Postcolonial Drama in Malta," teżi tal-Ph.D., U ta' Birmingham, 2003, 81-84.

[8] Oliver Friggieri, *Storja tal-Letteratura Maltija* I (Malta: KKM, 1979).

[9] Oliver Friggieri, *Il-Kuxjenza Nazzjonali Maltija* (Malta: PEG, 1994) 51-52.

eqreb lejn id-diskors politiku milli lejn ix-xjenza, u l-istorja tal-ġeografija ma tħallina fl-ebda dubju dwar l-ewroċentriċità tagħha[10] ) Malta tinsab f'pożizzjoni ambigwa. Tinsab fin-nofsinhar tal-kontinent Ewropew kollu, imma fit-tramuntana ta' l-Affrika kollha ħlief għat-Tuneżija. L-eqreb ġirien tagħna, fi Sqallija, jinsabu disgħin kilometru 'l bogħod u dan is-sens ta' iżolament hu espress bħala "s-sens profond tagħna, bħala Maltin, li madwarna hemm biss baħar."[11] Il-lingwa li nitkellmu twieldet bħala djalett Għarbi imma r-reliġjon li l-biċċa l-kbira nipprofessaw hija bla dubju Ewropea. Madankollu, il-Maltin ftit iħossu din l-ambivalenza, u jwarrbu fil-ġenb ix-xebh u l-konnessjonijiet kollha li jista' jkun hemm ma' l-Affrika ta' Fuq.

Ġbidt l-attenzjoni għal din il-problema ta' identifikazzjoni għal raġuni strateġika. It-teorija postkolonjali ilha li attakkat l-istorja minħabba li ratha bħala dixxiplina Ewropea maħluqa bl-għan speċifiku li tiddefinixxi d-dinja skond l-interessi ta' l-Ewropa.[12] L-istorja hija wieħed mill-elementi ewlenin tad-diskors kolonjali li ħoloq id-distinzjoni bejn l-Ewropa u "l-Oħrajn."[13] Din l-oppożizzjoni binarja, frott ta' ideoloġiji bħall-Orjentaliżmu,[14] għadha taħdem illum, anki f'kitba storika li hija msejsa fil-postmoderniżmu.[15] Minkejja dan, il-Maltin b'mod ġenerali, ukoll l-intellettwali Maltin, qatt ma jiddubitaw għal mument li huma Ewropej. Ġwann Mamo, ikkunsidrat bħala wieħed mill-kittieba l-aktar progressivi ta' l-ewwel nofs tas-seklu għoxrin jiddeskrivi lill-Maltin (u l-bqija tad-dinja) b'dal-kliem:

> F'dik it-triq illi meta poplu bħalek fiha miexi jkun [l-injoranza], ikun qiegħed juri li ebda dawl Ewropi f'moħħu ma jkun daħal [...] . Ah, poplu, ja poplu! M'hix hekk! Iftaħ għajnejk u la ddumx; imxi 'l quddiem b'mixja qawwija; uri lil ġnus oħra li inti ġens fil-bnedmija daqshom! Tħallix lil bnedmin oħra fuq ktiebhom isawruk fid-dehen, fix-xebh u bl-għemil mal-bqija ta' l-Afrika grixtija, ma' ta' l-Asja buddija, u mad-drawwiet tal-ħorox Amerikani ħindin.[16]

---

[10] José Rabasa, "Allegories of Atlas," *The Post-Colonial Studies Reader,* ed. Bill Ashcroft, Gareth Griffiths, Helen Tiffin (London: Routledge, 1995) 358.

[11] Mark-Anthony Falzon, "Xi Riflessjonijiet fuq l-Identità," *F'Kull Belt Hemm Kantuniera,* ed. Adrian Grima (Malta: Inizjamed, 2003) 25.

[12] Galea, "A Study of Postcolonial Drama in Malta," 133-137.

[13] Loomba 104.

[14] Edward Said, *Orientalism* (London: Penguin, 1991) huwa x-xogħol ewlieni li jiddeskrivi l-orjentaliżmu, l-istudju tal-Lvant, bħala waħda mill-ġustifikazzjonijiet ewlenin tal-kolonjaliżmu.

[15] Gyan Prakash, "Writing Post-Orientalist Histories of the Third World: Perspectives from Indian Historiography," *Mapping Subaltern Studies and the Postcolonial,* ed. Vinayak Chaturvedi (London: Verso, 2000) 181-186.

[16] Ġwann Mamo, "Tbiddel ja Poplu," *Il-Ħmar* 23/8/1922: 2 ikkwotat f'Oliver Friggieri, *Ġwann Mamo: Il-Kittieb tar-Riforma Soċjali* (Malta: Mid-Med Bank, 1984) 11.

Jidher sewwa li minkejja li kienu suġġetti għal nazzjon Ewropew li kien qed jikkolonizzahom, il-Maltin ma kenux iħossuhom anqas Ewropej mill-kolonizzaturi tagħhom. Saħansitra kienu jitolbu li jiġu ttrattati aħjar mill-Ingliżi għaliex kienu ta' razza superjuri għall-popli kkolonizzati fl-Affrika u fil-Paċifiku.[17] M'għandniex xi ngħidu, dan ma kienx il-mod kif kienu jarawna l-kolonizzaturi. Sa tard fis-seklu dsatax il-Maltin kienu jitqiesu bħala differenti, mhux iċċivilizzati (u forsi mingħajr il-ħila li jiċċivilizzaw irwieħhom) u ġeneralment inferjuri għall-mudelli aċċettati ta' x'inhuma l-Ewropej. L-istorjografija Maltija żviluppat f'dan il-kuntest. Iż-żewġ għanijiet tagħha kienu l-ewwel li ssib post għall-Maltin *bħala Ewropej* fl-istorja, u t-tieni li tiġġustifika l-kawża nazzjonali kontra l-kolonjaliżmu. Minkejja li xi dettalji li nħolqu f'din in-narrattiva storika, bħall-kontinwità tar-reliġjon Nisranija f'pajjiżna mill-ewwel seklu sa żmienna, ġew iddubitati minn storiċi reċenti, dan ma messx il-ħsieb ewlieni li ssib fil-kitba storika kollha li Malta "dejjem" kienet parti miċ-ċiviltà tal-Punent. F'das-sens, il-kitba storika f'pajjiżna trid tinftiehem mhux biss bħala reżistenza lill-istorja kolonjalista imma wkoll u forsi aktar bħala prodott sekondarju ta' l-istorja kolonjalista. L-istoriċi Maltin ma kienx ikollhom għalfejn jinsistu daqshekk li l-Maltin huma Ewropej kieku kolonizzatur wara ieħor ma ċaħdux lill-Maltin il-possibbiltà li jitqiesu Ewropej. Probabbilment din l-istorja bdieha San Luqa, l-iskriba ta' San Pawl li kkolonizza lil Malta għar-Reliġjon Nisranija. Luqa, tabib Grieg, meta ma fehemx il-lingwa li kienu jitkellmu l-Maltin, qabad u ħarbex li n-nies li sab hawn kienu "*barbaroi*" b'qalbhom tajba, kważi l-istess kliem li użaw kemm-il darba l-kolonizzaturi Ewropej fl-Amerika, tant li nħoloq il-mit tan-"*noble savage*" li jista' jiġi ċċivilizzat, li ħafna drabi kienet tfisser ikkonvertit għall-Kristjaneżmu. Aktar viċin tagħna l-Kavallieri ta' San Ġwann dejjem irrifjutaw li joħolqu *langue* għall-kavallieri Maltin u l-Ingliżi sikwit irrifjutaw li jagħtu d-drittijiet lill-Maltin minħabba li skond huma ma kenux kapaċi jamministrawhom.

Skond Fanon, din il-problema ta' identità ssibha fil-popli kollha li kienu kkolonizzati.[18] F'moħħhom joħolqu ġerarkija ta' razez, li tibda bl-Ewropej fuqnett, huma nfushom kemm jista' jkun qribhom, u l-popli kkolonizzati l-oħra 'l isfel minnhom. Għalhekk joħolqu xbieha tagħhom infushom bħala nies li jidhru Ewropej kemm jista' jkun. Din l-attitudni, għal Fanon, tidher l-

---

[17] Geoffrey Hull, *The Malta Language Question: A Case History in Cultural Imperialism* (Malta: Said International, 1993) 3.

[18] Frantz Fanon, *Black Skin, White Masks* (London: Pluto, 1986) 25.

aktar fil-klassijiet edukati. Il-Maltin, minn meta ntemmet il-ħakma Iżlamika, dejjem raw quddiemhom Ewropej superjuri. Il-kriżi ta' l-identità f'pajjiżna kellha effetti akbar milli kellha f'kolonji oħra. It-tendenza li nimitaw lill-Ewropej kienet teżisti sa minn tard fiż-Żmien tan-Nofs, għall-ewwel l-aktar fil-klassijiet l-għolja, li ma damux ma addottaw stil ta' ħajja Ewropew. Madankollu, iċ-ċokon tal-popolazzjoni, l-interventi kontinwi minn kolonizzaturi ġodda Ewropej, u l-qtugħ tar-rabtiet ma' l-Affrika ta' Fuq (ħlief għall-preżenza ta' lsiera Nord-Affrikani, li kompliet tenfasizza l-inferjorità ta' l-Affrikani) u l-vantaġġi li kien iġib miegħu l-istil ta' ħajja Ewropea (sodod aktar komdi, aktar possibbiltajiet ta' xogħol, qagħda ogħla fis-soċjetà) ma damux ma ħassru l-biċċa l-kbira tas-sinjali kulturali u materjali li bilfors kienu jeżistu fiż-Żmien tan-Nofs. L-aktar eċċezzjoni importanti hija l-lingwa li l-Maltin jużaw sa llum, li kif nafu hija bażikament djalett Għarbi. Din ħolqot bosta problemi għall-Maltin tas-sekli dsatax u għoxrin li, fl-eqqel tal-kolonjaliżmu, imċaħħda mid-drittijiet tagħhom u minn ħafna ħwejjeġ oħra, għallinqas riedu jaffermaw id-dinjità tagħhom billi jsostnu li kienu jappartjenu għal poplu ċċivilizzat. L-uniku mod kif setgħu jagħmlu dan kien il-mod iddettat mill-eġemonija tal-kolonizzazzjoni Ewropea. Il-Maltin setgħu biss jgħidu li kienu ċċivilizzati, tabilħaqq li kienu jappartjenu għar-razza tal-bnedmin, billi jsostnu li kienu Ewropej. Għal ħafna, il-lingwa Maltija kienet ħjiel imbarazzanti li dan ma kienx minnu u s-seklu dsatax huwa mimli b'intellettwali u politiċi li ppruvaw inaqqsu l-importanza tal-Malti. Kien x'kien, il-lingwa kienet problema li riedet tissolva, u l-politiċi Ingliżi f'Malta, bħall-politiċi Maltin, ħlew seklu jiddibattuha, sakemm il-problema ssolviet bil-ħidma tal-Maltin, ta' l-Ingliżi li raw sa mneħirhom fl-istrateġiji għall-angliżizzazzjoni u bl-intervent f'waqtu ta' Mussolini li ħareġ lit-Taljan mil-logħba.

Il-letteratura ssegwi l-istess triq ta' l-istorja. Il-Maltin qabel is-seklu dsatax kellhom bilfors forom ta' letteratura (naturalment mhux qed nirreferi għal-letteratura kolta miktuba bit-Taljan) u minħabba li n-natura orali ta' din il-letteratura kienet ħafna aktar "teatrali" mil-letteratura miktuba, stampata u moqrija setgħet, kieku ma kienx hemm l-intervent tal-kolonjaliżmu li rrenda din il-letteratura inkolta, barbara, u għalhekk ta' min jiskartaha, serviet ta' sors għal teatru aktar modern, fis-sens romantiku li jiddiskuti Friggieri. Li rrid ngħid hu li l-letteratura orali, bħall-ħrejjef dwar ulied is-slaten u n-nisa xjuħ għorrief, jew l-għana, ma tistax teżisti ħlief bħala rappreżentazzjoni, u għalhekk min jirrakkonta u min jgħanni huwa diġà attur, u min jisma' diġà spettatur waqt li min jikteb huwa kittieb u min jaqra huwa biss qarrej. Din ir-relazzjoni bejn min

jikkrea l-letteratura orali, jew jirrappreżentaha, u min jismagħha u jaraha prattikament inqerdet minn Malta, bl-istess mod kif il-kolonjaliżmu qered il-mużika qadima biex minflokha impona d-daqq tal-banda bl-istrumenti tar-ram, li aħna addattajna u pproponejna lit-turisti Ingliżi bħala xi ħaġa indiġena. Paul Sant Cassia jitkellem dwar kemm hu fatt imbarazzanti għal ħafna Maltin li f'pajjiżna għadu jeżisti l-għana, li f'moħħhom jitqies bħala fdal ta' kultura li hija eqdem miċ-ċiviltà Ewropea li nixtiequ nappartjenu għaliha. Minkejja li dan huwa aktarx żball, l-għana huwa ddestinat li jibqa' 'l barra mill-kultura,[19] mil-letteratura, u mit-teatru.

L-istatus ta' l-għana llum jista' jgħinna nifhmu l-iżvilupp ta' l-idjoma teatrali fis-seklu dsatax. L-għannej u l-prodott tiegħu huma meqjusin bħala vulgari u statiċi,[20] u għalhekk biex ikollna forom ta' mużika popolari li huma aċċettabbli kellna nimportaw idjomi mill-Ewropa tal-Punent, mhux biss għax dan ir-reġjun jiddomina x-xena mużikali internazzjonali imma għaliex il-Maltin kollha jemmnu li dik hija d-dinja tagħna. Kieku kellna nqabblu, anki superfiċjalment, il-festivals ta' l-għana, li huma ftit jew wisq dejjem sforzi akkademiċi, u per eżempju l-Festival tal-Kanzunetta Maltija għall-Ewropa (l-isem diġà qed jgħid ħafna) jew xi festival tal-mużika popolari fejn jintuża l-Malti, nintebħu b'differenzi enormi. Ta' l-għana jilbsu b'mod li vagament irid jirrappreżenta lill-Maltin tal-passat, l-oħrajn jimmudellaw irwieħhom fuq artisti barranin, naturalment mid-dinja tal-Punent. Jekk nibagħtu għannej jgħanni xi mkien fl-Ewropa u minflok imur jgħanni jitlob kenn politiku, naħseb li ħadd ma jinduna, imma jekk nibagħtu kantanta tal-*pop* fl-Ewropa u jfettlilha tiġi l-aħħar, il-pajjiż idum biex jirkupra sena, naturalment għax il-Maltin għadhom iħossu li l-produzzjoni kulturali tagħhom jeħtiġilha tiġi ssanzjonata mill-bqija ta' l-Ewropej.

It-teatru bil-Malti li żviluppa fis-seklu dsatax kien għall-bidu sforz minn gruppi żgħar ta' nies imrobbijin f'kuntatt dirett mal-kolonizzaturi Ingliżi. L-istess bħalma ġara fir-rakkont mill-Bengal li bdejna bih, il-Maltin kienu konxji mill-isforzi li kienu jagħmlu l-Ingliżi (kif kienu għamlu qabilhom il-Kavallieri) biex f'pajjiżna li kien sar pajjiżhom jimpurtaw jew jimitaw xi ħaġa mill-ħajja teatrali li kienu mdorrijin biha. F'das-sens kien hemm ħafna kontinwità bejn kolonizzatur u ieħor. It-Teatru Manoel, li qabel kien it-Teatru

---

[19] Paul Sant Cassia, "L-Għana: bejn il-Folklor u l-Ħabi," *L-Identità Kulturali ta' Malta*, ed. Toni Cortis (Malta: Dipartiment ta' l-Informazzjoni, 1989) 86-87.

[20] Manwel Mifsud, "Għanja Maltija għal-Lum," *Leħen il-Malti* 24 (1990): 5.

Pubbliku, bħal Alessandru Habela, jaf tliet saltniet, minbarra r-Repubblika. L-ispettakli li kienu jsiru fih fl-aħħar żminijiet tal-Kavallieri ftit inbidlu tul is-seklu dsatax. Il-biċċa l-kbira tal-Maltin baqgħu fuq il-periferija jħarsu, sakemm lejn nofs is-seklu nies li aktarx kienu għaddew mill-ewwel skejjel pubbliċi u li kienu midħla tad-dinja tat-teatru ddominata mill-barranin Ewropej, iddeċidew li jibdew joħolqu t-teatrini tagħhom. Għall-ewwel snin it-teatrini kienu jeżistu biss fl-ibliet ta' madwar il-Port, sakemm in-nies ta' l-irħula, li kellhom anqas kuntatti mal-kolonizzaturi u mad-divertiment tagħhom, bdew huma wkoll jorganizzaw it-teatrini, aktarx b'imitazzjoni ta' dawk ta' l-ibliet.

It-teatrini tas-seklu dsatax inftiehmu mill-kummentaturi kontemporanji bħala eżerċizzju mill-popolazzjoni lokali, speċjalment miż-żgħażagħ, sabiex jieħdu sehem fi żvilupp kulturali li jqarribhom lejn il-popli li l-Maltin kienu jħarsu lejhom bħala mudell. Mhuwiex sorprendenti għalhekk li fir-repertorju ta' wħud mill-kumpaniji tal-perjodu kien hemm bosta addattamenti minn Shakespeare, kif kien isir fi prattikament il-kolonji kollha Ingliżi,[21] kif ukoll tal-libretti ta' l-opri Taljani.



*Teatrin fil-beraħ fil-bidu tas-seklu għoxrin*

[21] Ania Loomba u Martin Orkin, *Post-Colonial Shakespeares* (London: Routledge, 1998) 1-2.

Hlief għal xi eċċezzjonijiet fil-bidu, it-teatrini dejjem użaw il-lingwa Maltija bħala l-lingwa tal-komunikazzjoni ma' l-udjenza, għalkemm il-biċċa l-kbira tal-kittieba baqgħu jużaw it-Taljan biex jikkomunikaw bil-miktub ma' l-atturi, per eżempju fid-didaskalija. Madankollu l-mudelli kollha li użaw il-ħallieqa ta' dawn it-teatrini jixhdu aċċettazzjoni għamja ta' dak kollu li seta' joffri t-teatru Ewropew li kienu jafu. Per eżempju, kartolina tal-bidu tas-seklu għoxrin (ara r-ritatt) turi teatrin ġo nofs għalqa. L-unika ħaġa li tindika li l-post kien jintuża bħala teatru, minbarra l-isem *Teatro Conte Ruggero*, hija d-dehra tal-palk, naturalment bil-proxenju li jirregola r-relazzjoni bejn l-atturi fuq il-palk u l-udjenza, fl-għalqa. L-istess ħaġa nistgħu ngħiduha għall-ġeneri teatrali użati, bin-nomenklatura b'kollox, jew għall-mod kif l-attur kien jara lilu nnifsu bħala tirann, amoruż u l-bqija, kollha rwoli meħudin mit-tradizzjoni Ewropea li kienu midħla tagħha.

Hafna mid-drammi li raw l-udjenzi tas-seklu dsatax bil-Malti kienu verżjonijiet lokali ta' kitbiet Ewropej. It-traduzzjonijiet u l-addattamenti mit-Taljan, mill-Franċiż u mill-Ingliż aktar tard kienu l-materja prima li mingħajrha t-teatru attiv tagħna ma setax jibqa' ħaj. Fl-aħħar tas-seklu deher imbagħad Mikelanġ Borg li mit-traduzzjoni u l-addattament għamel xogħol tant tajjeb li sa llum kważi kull min itella' fuq il-palk addattament minn tiegħu jinjora għal kollox il-fatt li Borg ma kienx qed jikteb xogħol oriġinali. Għan-nies, anki għan-nies tat-teatru, *Żeża tal-Flagship* huwa dramm Malti daqs *Il-Ħadd fuq il-Bejt*.

Il-mudell ta' l-iżvilupp tat-teatru Malti fis-seklu dsatax jista' jgħinna nqiegħdu f'kuntest usa' n-nazzjonaliżmu kulturali tagħna mhux biss għar-reġjun Ewro-Mediterranju, imma proprju minħabba l-ħerqa tal-ħallieqa tal-kultura moderna tagħna bil-vernakular li jimitaw lill-kultura tal-kolonizzaturi, ukoll fil-kwadru tad-dinja postkolonjali li trid tinftiehem fid-dawl ta' l-effetti kbar li ħalliet fuqha l-epoka kolonjali. Il-fatt li għalina l-kolonizzaturi ġew minn wara l-kantuniera u mhux min-naħa l-oħra tad-dinja jagħmilhom ġirien imma ma jfissirx li l-impożizzjonijiet kulturali tagħhom kienu anqas devastanti.

Ispirat minn perjodizzazzjoni li joħloq Frantz Fanon[22] għar-reazzjonijiet ta' l-intellettwali kkolonizzati għall-kolonjaliżmu, id-drammaturgu u kritiku Niġerjan Sam Ukala jaqsam it-teatru Affrikan fi tliet perjodi.[23] L-ewwel fażi

---

22 Frantz Fanon, *The Wretched of the Earth* (London: Penguin, 1990) 190-199.

23 Sam Ukala, "Politics of Aesthetics," *African Theatre: Playwrights and Politics*, ed. Martin Banham, James Gibbs, Femi Osofisan (Oxford: James Currey, 2001) 30-31.

skond Fanon hija meta l-intellettwali jassimilaw il-kultura tal-kolonizzatur. Ukala jittraduċi l-kunċett bħala "*theatre of surrender*" jew meta min jaħdem fit-teatru fl-Affrika jista' biss jirriproduċi u jimita xogħlijiet Ewropej. Għalina dan jikkorrispondi bejn wieħed u ieħor għas-seklu dsatax, meta t-teatru Malti kollu kien imitazzjoni jew addattament tat-tip ta' teatru li għall-kolonizzaturi kellu valur. It-tielet fażi li jitkellem dwarha Ukala għat-teatru Affrikan, wara li l-kittieba Affrikani bdew jittrattaw materjal meħud mill-istorja tal-popli tagħhom b'idjoma teatrali importata (ħaġa li ġrat fit-teatru tagħna wkoll), hija meta l-kittieba jibdew iħarsu lejn l-istorja u l-mitoloġija ta' pajjiżhom b'mod kritiku. Dan jagħmluh fl-istess waqt li jduru għat-teatru indiġenu (dak li kien jeżisti qabel jew indipendentement mill-kolonjaliżmu) għall-ispirazzjoni. Għall-kittieba Maltin dan ma setax iseħħ, għaliex meta l-kittieba Maltin waslu f'din il-fażi ma kellhom ebda forma indiġena lejn xiex iduru. Għalhekk it-teatru reċenti tagħna, anki dak li hu kritiku tal-kolonjaliżmu Ewropew u l-effetti tiegħu fuq pajjiżna, ma jistax ħlief juża forom teatrali Ewropej.